

31996D0082

L 19/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

25.1.1996

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Jannar 1996

**li temenda d-Deċiżjonijiet 93/196/KEE u 93/197/KEE li jikkonċernaw iċ-ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjonijiet tal-equidae għall-qatla, l-equidae reġistrati u l-equidae għat-tnissil u l-produzzjoni, fir-rigward tal-piroplasmosi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(96/82/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi tal-equidae (1), kif l-aħħar emendata permezz tal-Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikoli 15 u 16 tiegħu,

Billi l-kundizzjonijiet ta' saħħa u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tal-equidae għall-qatla huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/196/KEE (2) u għall-importazzjonijiet tal-equidae reġistrati u l-equidae għat-tnissil u l-produzzjoni fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE (3), it-tnejn li huma kif l-aħħar emendati permezz tad-Deċiżjoni Nru 96/81/KE (4);

Billi l-piroplasmosi (*B. equi* u *B. caballi*) hija preżenti f'ċerti Stati Membri tal-Komunità Ewropea; billi l-equidae seropositivi għall-piroplasmosi huma preżenti f'ċerti Stati Membri;

Billi ir-riżultati tat-test seroloġiku li kienu mitluba għall-importazzjonijiet ta' ċerti kategoriji ta' equidae minn ċerti pajjiżi terzi m'għadhomx aktar addattati;

Billi t-trattament tal-equidae sabiex jiġu eliminati l-infezzjonijiet jistgħu jkunu ta' detriment għall-annimali; billi iżda wara t-trattament seronegativit ta' ftit żmien fit-testijiet seroloġiċi mitluba ma' teskludix l-infettività għall-vector ticks;

Billi d-Deċiżjoni msemmija hawn fuq għandha tiġi konsegwentement emendata;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Fl-Anness II, il-Kapitolu "III. Informazzjoni fuq is-Saħħa" tad-Deċiżjoni Nru 93/196/KEE il-paragrafu (j), ir-raba' inċiż, huwa mħassar.

## Artikolu 2

Fiċ-ċertifikati D u E ta' l-ANNESS II, il-kapitolu "III. Informazzjoni fuq is-saħħa" tad-Deċiżjoni Nru 93/197/KEE paragrafu (j), ir-raba' inċiż, huwa mħassar.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-15 il-jum wara n-notifika tagħha lill-Istati Membri.

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-12 ta' Jannar 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni